KUNSILL LOKALI HAL LIJA
TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI, LIJA
TEL. 21416111 FAX 21416941

# MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL

## IS-SEBGĦA KUNSILL

## SEDUTA NRU 34 – L-Erbgħa 13 ta' Mejju 2015 fil-17.00hrs

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fi Triq Robert Mifsud Bonnici Ħal Lija.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Is-Sinjura Magda Magri Naudi | Sindku |
| | Is-Sinjorina Stephanie Cutajar | Viċi Sindku |
| | Dr.Marc Sant | MinorityLeader |
| | Is- Sur Massimo Scerri | Kunsillier |
| | Is-Sinjorina Lorraine Farrugia | Kunsillier |

## 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI NR 32 TAT 13 TA' APRIL 2015

1.1 Il-laqgħa bdiet fil-5.10p.m. Is-Sindku bdiet il-laqgħa billi stiednet lill-Kunsilliera biex jgħidu jekk hemm xi korrezzjonijiet fuq minuti nr 33 ta' 13 t'April 2015. Fuq proposta ta' Dr. Marc Sant sekontat mis-Sinjorina Lorraine Farrugia, minuti nr 32 tat 13 t'April 2015 ġew approvati.

## 2. ARISING FUQ MINUTI NR 32 ta' 13 TA' APRIL 2015

2.1 Il-Minority Leader Dr. Marc Sant tkellem fuq il-*Catch the Drop*. Huwa qal li kellu laqgħa ma' l-HSBC nhar l-14 t'April 2015, fejn ser jisponsorjaw ix-xogħol fuq il- *Water Culvert* fi Triq Giovanni Barbara c/w Vjal Trasfigurazzjoni. Huwa ikkonferma li l-proġett ser jiġi sponsorjat kollu.

2.2 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia staqsiet fuq 2.1 fuq ir-rotta tal-karozza tal-linja f'Tal-Mirakli. Is-Segretarju nfurmat li wara li s-Sinjorina Lorraine Farrugia mmarkat il-mappa kif kien propost mill-Arriva, din inbagħtet lit-TM. Is-Sinjorina Farrugia nsistiet li jsir *double checking* ma' Transport Malta cc Ms. Audrey Testaferrata De Noto tat-TM biex inkunu ċerti li din ir-rotta qeda hemm għal meta joħorġu r-rotot il-ġodda.

2.3 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia tkellmet fuq Triq Id-Dejqa fejn qalet li qed jidħlu ħafna nġenji jagħtu servizzi f'din it-Triq u peress li ma tistax tingħalaq, xi ħaġa irid isir biex ma ssirx hsara. Is-Segretarju nfurmat li kif kien ġie deċiż fil-laqgħa, l-ittra ntbagħtet lir-residenti kollha biex min iħammeġ anke b'xi żjut inaddaf jew iġiegħel lil min iħammeġ biex inaddaf hu. Is-Sinjorina Farrugia kompliet tgħid li għandhom isiru *notices* biex ma jintremewx *cigarette ends*, peress li qed ikun hemm ħafna minnhom. Għandhom jinġiebu kwotazzjonijiet biex jinxtraw *ashtray dustbins* għal din ir-raġuni. Is-Sinjorina Farrugia tkellmet anke fuq il-ħmieġ tal-ħamiem u l-problema tan-naħal.

## 3. APPROVAZZJONI U ARISING TAL-MINUTI NR 33 TAS-27 T'APRIL 2015

3.1 Il-laqgħa kompliet billi s-Sindku stiedniet lill-Kunsilliera biex jgħidu jekk hemm xi korrezzjonijiet fuq minuti nr 33 tas-27 t'April 2015. Fuq proposta tas-Sur Massimo Scerri sekontat mis-Sinjorina Lorraine Farrugia, minuti nr 33 tat 27 t'April 2015 ġew approvati.

## 4. ARISING FUQ MINUTI NR 33 TAS-27 T'APRIL 2015

4.1 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia staqsiet kif bqajna fuq il-każ tar-'reference letter' tal-Waste Collection Ltd. Is-Segretarju nfurmat li kien ġie kkonsultat l-Avukat tal-Kunsill u anke l-Spettur Ferris fejn ser jiġi investigat il-każ. Hija nfurmat li ser isir kwerela.

5. JUM ĦAL LIJA

5.1 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi tkellmet fuq Jum Ħal Lija għal din is-sena bħas-soltu ser issir nhar it-Tnejn 6 ta' Lulju 2015. Ser issir il-Quddiesa ta' ringrazzjament nhar it-Tnejn 6 ta' Lulju 2015 stess fis-6.30p.m. u wara jkun hemm attivita Kulturali fil-Pjazza Trasfigurazzjoni. Hija qalet li Santa Marija *Accordian Band* lesti li jagħtu kunċert żgħir ta' xi nofs siegħa b'xejn. Waqt din l-attivita jingħata Ġieħ Ħal Lija. s-Segretarju nfurmat li kienet inbagħtet l-ittra lil għaqdiet kollha biex jiġi nnominat persuna biex jingħata dan il-ġieħ. Hija nfurmat li s'issa l-ebda għaqda ma irrisponda għal din is-sejħa. Għal din l-attivita mhux ser jirrikjedi spejjes għax lanqas għanda bżonn dwal jew *amplification*. Ġie deċiż li narmaw ftit siġġijiet fil-pjazza u ser nistaqsu lill-Każin San Pio X biex iselfuna ftit siġġijiet minn tagħhom. Bħala flyers għal din l-attivita ġie deċiż li nagħmlu flyers fin-notice boards, jingħataw lil għaqdiet, ħwienet u każini u anke ngħidu lill-Kappilan biex javża fil-quddies.

6. KORRESPONDENZA

6.1 Il-Kunsilliera staqsew fuq kif konna bqajna dwar l-Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ s-Sinjorina Isabella Taliana. s-Segretarju nfurmat li l-aħħar laqgħa kien ġie deċiż li nistaqsu jekk din l-ambaxxatriċi għandix tattendi għal laqgħat kollha tal-Kunsill. Wara li ġie iċċekkjat ġejna nfurmati li iva, hija għandha dritt tattendi għall-laqgħat kollha tal-Kunsill jekk trid. Wara li l-Kunsill jaqbel għandna ninfurmawha b'deċiżjoni filwaqt li s-Sindku trid timla l-formola tal-kunsens.

6.2 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia staqsiet fuq letter nr 0512/15 fejn il-Kunsill bagħat ittra lil EneMalta biex il-pole li hemm bil-wires fi Triq id-Dejqa jitneħħa u għandu jinstab post alternattiv fejn jitwaħħal. Irid jiġi iċċekkjat dan ir-request biex jitneħħew il-wires.

6.3 Is-Sindku, Sinjura Magda Magri Naudi tkellmet fuq ittra nr 0543/15 ta' resident li talab biex titneħħa siġra tal-Lakacia minn għalqa privata, minħabba li huwa jbagħti bil-*hayfever*. Wara li ġie stabilit ta' min hija din l-għalqa, s-Sindku, għandha titkellem mar-residenti ta' fejn tinstab din is-siġra biex tittieħed azzjoni u titneħħa.

6.4 Il-Minority Leader Dr. Marc Sant issuġerixxa li titwaħħal *doggy bin* fejn kien hemm il-*Bring-In-Sites* qabel fi Triq Kardinal Ferretti.

6.5 Il-Kunsilliera tkellmu fuq ittra nr 0552/15 fuq il-proposta li għamlu it-TCTC fejn offrew *sponsorship* lill-Kunsill ta' Ħal Lija u ta' Ħal Balzan li jħallsu €100 kull Kunsill li jinkludi il-*Marketing* tal-*campaign* u nkunu nistgħu nużaw *Training Centre* ta' Ħ'Attard jew il-Kunsill tan-Naxxar biex jiġu organiżżati korsijiet tal-computer għas-sajf 2015 li huma l-IKIDS. Il-Kunsill qabel dwar dan.

6.6 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi tkellmet fuq l-arloġġ fil-ġnien tal-Mirakli fejn ir-*Resotration Unit* kienu qed jitolbu li jinqala. Hija nfurmat lill-Kunsill li l-Knisja aċċettaw li jħallsu l-ispejjes biex jinqala dan l-arloġġ. Irid jiġi iċċekkjat anke fuq il-wires biex jiġu diskonnettjati. Hija qalet ukoll li irridu ngħidu lill-ġardinar biex jaqla siġra mejta tal-Pine li qeda quddiem il-Kappella Tal-Mirakli.

6.7 Issemmiet ukoll il-problema tal-*hawkers* fejn is-Sindku qalet li fit-tarf ta' Triq Preziosi qabel mad-dur man-naħa tal-Mosta ta' spiss ikun hemm hawkers ta' kull tip li huma ta' periku għas-sewwieqa li ħerġin għan-naħa tal-Mosta. Dan il-punt irid jitressaq quddiem il-pulizija.

## 7. KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

7.1 Is-Sindku s-Sinjura Magda Magri Naudi tkellmet fuq l-istorbju li qed ikun hemm tard bil-lejl minħabba il-bars miftuħin, dakinhar kien il-Club tal-Boċċi. Saħansittra hija kellha iċċempel lill-Pulizija fil-weekend għaliex ir-residenti ċemplu lilha bl-ilmenti. Issa li dieħel is-sajf dan ser jiżdied. Hija mhiex kontra l-attivitajiet tas-sajf iżda għanhom jinżammu r-regolamenti tal-liġi. Ġie deċiż li għandha ssir laqgħa mal-Pulizija u ma' l-għaqdiet minħabba din il-problema. Suppost l-istrobju għandhu jieqaf fil-11.00p.m.

7.2 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar qalet li f'din il-laqgħa mal-Pulizija għandu jiġi diskuss ukoll il-problema tal-parking u fuq iċ-ċitazzjonijiet li qed jingħataw. Dawn iċ-ċitazzjonijiet mhux qed jingħataw lil kull minn qed jagħmel kontravenzjoni. Is-Segretarju reġgħet fakkret lill-Kunsill li xi żewġ laqgħat qabel kien ġie deċiż li għandu jkun hemm iktar *enforcement* fir-raħal kemm fuq it-traffiku u parking u kemm fuq l-ambjent. Hija nfurmat li għall-wardens ta' l-ambjent, il-Kunsill irid iħallas tariffi kbar imma għall-wardens tar-ronda fuq traffiku dawn huma bla ħlas. Għalhekk saret ir-*request* biex ikun hawn iktar wardens tat-traffiku fuq *enforcement* fir-raħal. Is-Sinjorina Stephanie Cutajar kompliet tenfasizza l-fatt li dawn iċ-ċitazzjonijet mhux qed jingħataw

bil-*fair* għax lil min jagħtu u lil min ma jagħtux. Qed jingħataw ċitazzjonijiet anke fejn min dejjem ta' dejjem kien parkeġġ.

7.3 Ġie deċiż li l-laqgħa mal-pulizija ssir nhar il-Ħamis il-21 ta' Mejju 2015 dejjem jekk ikunu jistgħu jattendu, fejn jiġu diskussi dawn iż-żewġ problemi.

- Il-problema tat-traffiku
- Il-problemi minħabba strobju speċjalment fil-Ġnien.

Għandhom ikunu mistiedna ukoll l-għaqdiet.

## 8. VIP LIST

8.1 Residenta qed tagħmel request biex f'Triq il-Kunċizzjoni ftit l-isfel mill-garaxx turqoise (no 20-24) issir sleeping policeman. Is-Sinjorina Stephanie Cutajar infurmat lill-Kunsill li fuq dan ir-request ir-residenti kellhom jagħmlu petizzjoni u wara tiġi diskussa mill-Kunsill.

8.2 Resident li joqgħod fi Triq is-Salvatur qed jitlob biex isir xi ħaġa fit-triq. Hu qal li hekk hu possibbli hemm bżonn li issir sleeping policeman, jew inkella it-triq tiġi one-way ax skond kliemu dik it-triq m'għandiex tkun *two way*. Qed jitlob dan għax riċenti anke reġgħa sar aċċident fejn ħabtu żewġ karozzi, waħda ġejja minn fejn il-*carpenter* mit-Triq Sir Ugo Mifsud u l-oħra baqgħet ħierġa minn fuq l-stop sign ta' Triq Fernand Gregh u apparti li ħabtu għamlu ħsara lill-karozza li kienet ipparkjata ġo *parking bay* ukoll. Qal li mhux sew ibagħtu huma, r-residenti minħabba żbalji ta' ħaddiehor. Apparti minn hekk qal li jrid isir xi ħaġa ukoll fuq l-istorbju tal-ħornijiet. Il-Kunsill iddiskuta dan l-ilment u ġie f'konkluzjoni li f'din l-area irid isir Traffic Management. Irid jerġa jiġi msejjaħ is-Sur Muscat tat-TM biex imorru fuq il-post. Is-Sindku s-Sinjura Magda Magri Naudi qalet ukoll li anke ħdejn id-dar Sant Cassia fi Triq Sir Ugo Mifsud irridu niltaqgħu mat-TM għax qed ikun hemm problemi ukoll.

8.3 Is-Segretarju nfurmat li l-Waste Collection kienu kkuntattjawha biex jara jekk nitkellmux mat-tlett residenti li joqgħodu Hal Mann biex jibdew joħroġu l-garbage tagħhom fit-traf tat-triq għax peress li Trejqet Kjeriku Ġakbu Abela hija fi stat ħażin ħafna, kull darba qed issir ħsara lit-truck tiegħu. Huwa ssuġerixxa ukoll li jista' ipoġġi skip bla ħlas fit-tarf tat-triq. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suġġeriment imma qed jistaqsi jekk b'dan l-arranġament it-trukk ikunx irid jirriversja lura.

8.4 Resident li joqgħod Hal Mann jixtieq jgħin lill-Kunsill Lokali ta' Hal Lija billi jagħmel il-ħofor il-gravi li hemm Halmann bi spejjes tiegħu u dwar il-qtugħ tal-ħaxix xtaq jgħin ukoll billi jqabad lil xi ħadd bil-€5 is-siegħa u b'għaxar sieghat xogħol din tiġi tiswa xi €50. Is-Segretarju kompliet tgħid li l-ġurnata ta' qabel dan ir-residenti kien ġie ikellimha u huwa kien qasam it-tyre tal-karozza tiegħu pero ma ġabx claim. *Propju*

*illum, fil-ġurnata tal-laqgħa huwa xtaqt jinforma li anke l-spare wheel kien qasam bit-toqob li hemm.* Il-Kunsill approva biex dan ir-resident jagħmel ix-xogħol imsemmi.

8.5 Is-Segretarju nfumat li waslet e-mail mingħand is-Sur Carmel Muscat ta' TM fuq *road hump* mhux approvata ħdejn it-*Three Villages Bar* fi Triq Sant 'Antnin fejn trid li l-Kunsill ineħħi din ir-rampa bla permess u jiġi implementat *proper Stop line markings* minflok.

8.6 Residenti xtaqu jagħmlu request biex terġa ssir kaxxa safra zgħira jew *double yellow lines* quddiem il-bieb tagħhom fi Triq id-Dejqa għaliex meta jipparkjawlhom eżatt mal-għatba tal-bieb ma jkunux jistgħu joħorġu. Il-Kunsill iddiskuta dan ir-request u staqsew jekk japprovaw din ir-rikjesta ikunx qed joħolqu preċedent. Il-Kunsill iddecieda li japprova din ir-rikjesta pero trid tiġi approvata mit-TM. Meta nibgħatu ir-request lit-TM irridu nispesifikaw li dawn ir-residenti huma anzjani.

8.7 Resident qed jagħmel request biex fi Triq Merino jew issir xi *sleeping police man* fuq iż-żewġ naħat jew inkella it- triq issir għax qed jitilgħu ħafna karozzi u jinżlu jsuqu bl-addoċċ. Il-Kunsill iddiskuta dan ir-request. Ġie ssuġerit li ssir mera u 'no horns sign'.

8.8 Resident jixtieq jagħmel request għal *motorcycle bay* fi Triq Carmelo Farrugia fejn hemm *double yellow lines* minflokhom jew f'xi posijiet f'din l-istess triq. Is-Segretarju nfurmat li baghtna lill-ħaddiem tal-Kunsill biex jara 'on site'. Fuq il-bankina fejn qed isir dan ir-request hemm pole tal-GO fuq il-bankina u min ikun għaddej b'buggy ma jkunx jista' jgħaddi. Dan ir-request ġie diskuss u l-Kunsill iddeċieda li għandha tinstab *location* oħra f'din it-triq għal motor cycle bay. Dan minħabba li min ikun qiegħed miexi fuq il-bankina minħabba l-pole irid jinżel minn fuq il-bankina biex jimxi. Dan ma jkunx possibli jekk ikun hemm *motor cycle* ipparkjat.

8.9 Is-Segretarju qasmet lill-Kunsilliera kopja tal-management letter li kienet waslet fl-uffiċċju xi ftit jiem qabel u li għandha tiġi risponduta sa 19 ta' Ġunju 2015. Is-Sinjura Magda Magri Naudi issugerit li il-Kunsilliera kollha jarawha sewwa u mhux aktar tard minn xi ħmistax oħra jibagħtu il-kummenti tagħhom fl-uffiċċju tal-Kunsill. Is-Segretarju ġibdet l-attenzjoni fuq 3.1 u 3.2 tal-Management letter fejn l-Awdituri ġibdu l-attenzjoni li meta kien hemm Kunsilliera li ma attendewx għal xi laqgħa tal-Kunsill is-sena l-oħra, dawn ingħataw il-full allowance. L-Awdituri talbu biex isiru id-*deductions* neċessarji mill-*allowance* tagħhom biex niġu in regola. s-Segretarju ġibdet din l-attenzjoni peress li fix-xahar ta' Ġunju, il-Kunsilliera jingħataw dawn l-*allowances*, allura iridu jsiru dawn l-agustamenti.

8.10 Il-Minority Leader Dr. Marc Sant tkellem fuq 4.10 u 4.11 fuq il-*missing tender file.* Fuq dan il-Kunsill irid jieħu deċiżjoni x'azzjoni għandha tittieħed.

8.11 Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li l-Avukat tal-Kunsill kien bagħat id-*draft letters* biex jintbagħtu lill-Waste Collection Ltd., waħda bħala *2nd*

*warning* għas-servizz ta' skart u l-oħra fuq il-'Letter of Reference' tal-Kunsill ta' Ħ'Attard.

8.12 Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li fl-20 t'April kienet inbagħtet ittra lis-Sur Axisa tal-Housing Authority fejn spjegat li wara li l-Kunsill kien iddeċieda li jagħmel rampa temporanja għar-residenti fil-Housing Estate, kien ħa l-parir tal-Perit tal-Kunsill. Il-Perit innota li l-*gradient* huwa għoli ħafna, allura din ir-rampa trid issir permanenti. Hija kompliet tinforma lill-Kunsill li saret request lill-Housing Authority biex dawn jagħmlu 'on site' inspection u jaraw x'għandu bżonn dan ir-resident għax qed jgħix bħala priġunier f'daru stess. Inbagħtet reminder ta' din ir-request fit-8 ta' Mejju 2015 u fit-13 ta' Mejju, il-Housing Authority irrispondew li l-każ għadu fil-proċess u *inspector* ser jagħmel 'on site' *inspection* fuq il-post.

8.13 Is-Segretarju nfurmat li l-ħaddiema tal-Kunsill dakinhar kienu naddfu il-mirja kollha tar-raħal li jammontaw għal ħamsa u tletin.

8.14 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar tkellmet fuq l-attivita li l-Kunsill ser jorganizza ġurnata fi Sqallija. Is-Sinjorina Cutajar qed tisuġerixxi li din issir il-Ġimgħa 26 ta' Ġunju. Il-prezz tal-programm li ġabet huwa ta' €128 kull persuna li ma jinkludix it-trasport lejn il-port u lura. Ma kull ħamsa u għoxrin booking jingħata persuna b'xejn. Il-Kunsill ser jieħu booking għal coach ta' 53.

8.15 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia u Dr. Marc Sant tkellmu fuq data provisjorja għal ħarġa għal Għawdex. Huma tkellmu fuq id-29 ta' Mejju 2015.

8.16 Ġie deċiż li qabel li niddeċiedu d-dati ta' meta jsiru il-ħarġiet u Għawdex u l-ġita għal Sqallija, għandhom jiġu ikkuntatjati l-għaqdiet kollha biex naraw x'attivitajiet bi ħsiebhom jorganizzaw għal dawn ix-xhur li ġejjin biex dawn iż-żewġ attivitajiet ma jiklexxjawx ma' l-attivitajiet tagħhom.

8.17 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia ressqet ilment li inqatgħu żewġ bozoz ħdejn St.Michael Pharmacy fi Vjal it-Trasfigurazzjoni. Dawn għandhom jiġu irranġati mill-ħaddiema tal-Kunsill.

8.18 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi issuġeriet li fil-laqgħa li jmiss issir preżentazzjoni mis-Sur James Xuereb tar-Rodeco Ltd., ta' magna li tagħmel *Road patching* u tinkludi kollox *scarifying* Dan u metodu ġdid u kien ippreżentat lilha meta attendiet il-laqgħa tar-Reġjun Ċentru.

8.19 Il-Minority Leader, Dr Marc Sant staqsa fuq id-devoluzzjoni tal-playingfield. Ġie ikkonfermat li l-Kunsill ma għandux devoluzzjoni tal-playing field. Bħal ma jaf il-Kunsill talab biex tiġi devoluta il-biċċa ħdejn it-Tennis Court bil-ħsieb li hemmhekk tinbena il-binja tal-Kunsill. Huwa staqsa ukoll fuq jekk is-soft area fi Triq Robert Mifsud Bonnici Street qatx kienet devoluta lill-Kunsill. Din qatt ma kienet.

8.20 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi issuġerit lill-Kunsilliera biex jidħlu fuq is-site you-tube u jaraw sistema ta' bini ġdid magħmul minn containers, sistema ġdida li tkun orħos minn bini tal-ġebel normali.

Hja issuġerit li jaraw dan is-sit u jgħaddu il-kummenti tagħhom bil-ħsieb li jekk tintgħoġob forsi tiġi addotata għall-binja tal-Kunsill.

8.21 Il-Kunsill ressaq ilment fuq il-parking li qiegħed isir ħdejn Hal Mann factory. Ġie deciż li jsiru yellow lines ħdejn il-ħajt tal-factory ta' Hal Mann.

## 9. SKEDA TA' ĦLASIJIET MIS-27 T'APRIL 2015 SAT 13' TA' MEJJU 2015

9.1 Is-Segretarju ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill skeda ta' ħlasijiet bejn is-27 t'April 2015 u 13 ta' Mejju 2015, għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

9.2 Is-Segretarju qalet li fil-management letter, l-Awdituri irrimarkaw li hemm bżonn jitniżel iktar informazzjoni fuq din l-iskeda bħan-numru tan-nominal Accounts. Hija staqsiet lill-Accoutant tal-Kunsill biex tagħtina dawn l-Account numbers biex ikunu nistgħu iniżluhom f'kull Skeda.

9.3 Kemm is-Sinjorina Lorraine Farrugia u kemm il-Minority Leader Dr. Marc Sant ma approvawx pagament nr 5 u 6 dawk tal-Waste Collection Ltd. għas-servizz ta' *domestic collection* u *sweeping* għax-xahar ta' Marzu 2015.

9.4 Fuq proposta tas-Sur Massimo Scerri sekondat mis-Sinjorina Stephanie Cutajar il-pagamenti ta' din l-iskeda ġew approvati

## 10. TMIEM

Is-Seduta imtemmet fl-19.37 hrs b'mod unanimnu.

Magda Magri Naudi — Georgette Borg

Sindku — Segretarju Eżekuttiv